MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 1795/2001/1

**C. Fino & Sons Limited**

**v.**

**Polidano Brothers Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>I IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

1. Dan huwa appell li qieghed isir mis-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-14 ta' Ottubru 2004, u li biha giet milqugha t-talba tas-socjeta` attrici billi s-socjeta` konvenuta giet ikkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef disa' mija u sittax-il lira Maltija u

sittax-il centezmu (Lm5,916.16c) bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija mill-11 ta' Novembru 1997, u dan wara li gew michuda l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li jallegaw li kienet sehhet tpacija ma' ammonti dovuti mis-socjeta` konvenuta ghal xogholijiet esegwiti minnha. Billi s-sentenza in kwistjoni fiha migjuba t-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-kontendenti b'aktar dettall, u billi l-istess sentenza fiha sunt tal-provi prodotti kif ukoll evalwazzjoni ta' l-istess provi u l-motivazzjoni li l-ewwel Qorti adoperat biex waslet ghall-konkuzjonijiet taghha, ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell din is-sentenza sejra tigi riprodotta kollha kemm hi:
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fid-19 ta' Novembru, 2001, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

"Is-socjeta` attrici hija kreditur tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' hamest elef, disa' mija u sittax il-lira Maltija u sittax il-centezmu (Lm5,916.16c) rapprezentanti prezz ta' ghamara mibjugha u debitament konsenjata lilha, u dana kif jidher mill-*istatements* hawn unit u markat Dok. "A";

"Is-socjeta` istanti interpellat inutilment lis-socjeta` konvenuta;

"Talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tikkundannha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm5,916.16c rapprezentanti prezz ta' ghamara mibjugha u debitament konsenjata kif fuq inghad.

"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tal-11 ta' Gunju, 1999 u tad-9 ta' Frar, 2000, ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Dicembru, 1999, tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mill-11 ta' Novembru, 1997 id-data ta' l-ahhar konsenja ta' l-ghamara skond id-Dok. "A".

"Is-socjeta` konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u s-socjeta` konvenuta mhix debitrici tas-socjeta` attrici u dan peress illi l-ghamara *de quo* ma gietx mibjugha lis-socjeta` eccipjenti izda giet konsenjata lilha bhala hlas – bi tpartit – ghal xogholijiet li saru mis-socjeta` eccipjenti lil Wallace Fino u Lawrence Fino, personalment u ghan-nom u *in* rapprezentanza tas-socjeta` attrici;

"2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi sehhet tpacija ma' ammonti dovuti lis-socjeta` eccipjenti ghal xogholijiet ezegwiti minnha;

"3. Salv eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

"Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

"Rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"Illi s-socjeta` attrici ghamlet konsenja ta' ghamara lis-socjeta` konvenuta, u l-valur ta' din l-ordni kien jilhaq l-ammont totali ta' Lm28,108.92c. Wara li minn din is-somma tnaqqset is-somma ta' Lm2,341.57 bhala *"credit notes"* (rapprezentanti valur ta' ghamara li ma ittiehditx), somma ta' Lm9,866.20c bhala tpacja (wara ftehim milhuq bejn il-partijiet li jpacu dejn li socjeta` sussidjarja tas-socjeta` attrici kellha ma' socjeta` sussidjarja tas-socjeta` konvenuta ma' parti mill-kreditu reklamat f'din il-kawza), u wara li tnaqqsu hlasijiet akkont li saru, is-socjeta` attrici qed titlob hlas tal-bilanc ta' Lm5,916.16c. Is-socjeta`

konvenuta mhux qed tichad l-ezistenza ta’ dak il-kreditu, izda qed tallega li apparti li kien sar ftehim li debitu li socjeta` sussidjarja tas-socjeta` attrici (Ta’ Dun Benin Ltd) kellha ma’ socjeta` sussidjarja tas-socjeta` konvenuta (Mait Ltd) jigi pacu ma’ parti minn dan il-kreditu (kif hu anke ammess mis-socjeta` attrici), il-partijiet kienu ftehmu wkoll li debitu li socjeta` sussidjarja ohra tas-socjeta` attrici kellha mas-socjeta` konvenuta, kellu wkoll jigi pacu ma’ dan id-dejn. Din l-allegata tieni tpacija, li hija kontestata mis-socjeta` attrici, tirreferi ghal xoghol ta’ eskavazzjoni ta’ bicca art fl-Imriehel li wettqet is-socjeta` konvenuta fuq talba tas-socjeta` F & G Holdings Ltd, kumpanija sussidjarja ohra tas-socjeta` attrici.

"It-tpacija hija forma ta’ pagament, tant li hi wahda mill-metodi kontemplati mil-ligi ghal estinzjoni ta’ l-obbligazzjoni, u bhala tali trid tigi ppruvata minn min jallegha. Mill-provi prodotti, din il-Qorti mhix perswaza li s-socjeta` konvenuta irnexxielha tipprova l-allegata tpacija. Id-direttur tas-socjeta` konvenuta, Charles Polidano, issemmi ftehim ta’ tpacija li ntlahaq mas-Sur Fino, izda ma kienx specifiku dwar jekk dan il-ftehim kienx ikopri wkoll id-dejn ta’ F & G Holdings Ltd; hu jirreferi ghal *“xogholijiet”* li wettaq ghal Wallace Fino, u li l-hlas taghhom kellu jigi pacut, *pero*`, naqas li jkun aktar precis.

"Fil-fatt, din it-tpacija tissemma b’mod partikolari mix-xhud Isabelle Vella, *Chief Executive* tas-socjeta` konvenuta, li tghid li kienet ikkonfermat l-ezistenza ta’ dan l-arrangament ma’ certu Eddie Vella, li kien jahdem bhala *part-time credit controller* mas-socjeta` attrici. Hi qalet ukoll li meta l-kontijiet rispettivi kienu gew *“settled”*, eventwalment, is-Sur Wallace Fino, direttur principali tal-kumpaniji kollha involuti min-naha tal-attrici, kien approva *“kollox”*.

"Kemm is-Sur Eddie Vella kif ukoll is-Sur Fino, *pero*`, jichdu li sar dan l-arrangament fir-rigward tad-dejn ta’ F & G Holdings Ltd. Is-Sur Vella spjega li, meta hu kien ghamel interpellazzjoni ghal hlas tal-bilanc, kien tkellem mas-Sur Polidano u dan qallu li *“is-Sur Fino”* kellu jaghtih is-somma ta’ xi Lm5,000, u meta s-Sur Fino ihallsu, s-

socjeta` tieghu thallas il-bilanc; din ic-cirkustanza giet konfermata mis-Sur Vella billi ezebixxa l-original tan-notament li kien ghamel bil-kitba tieghu wara li sehhet din il-konversazzjoni bejnu u s-Sur Polidano, liema nota iggib id-data tal-21 ta’ Marzu, 2000. Din il-konversazzjoni saret wara li sehhet l-allegata tpacija indikata mix-xhud Isabelle Vella, u l-fatt li s-Sur Polidano ma rreferix specifikament ghall-allegata tpacija, hija indikazzjoni li, fil-fatt, tpacija fuq dak l-allegat kreditu ma sehhx.

"Barra min dan, jekk id-diskors tas-Sur Polidano jista’ jitqies li qed jirreferi ghal bilanc dovut mis-socjeta` F & G Holdings Ltd, l-fatt li s-Sur Polidano ried jaghmel tpaccija ma jfissirx li din ghandha tapplika, meta ma jirrizultax li t-tpacija giet accettata u li s-somma reklamata hija ammessa. It-tpacija, meta ma toperax *ipso uire,* trid tkun miftehma u accettata, u ma tistax tigi imposta min *parti* wahda. Parti ma tistax ma thallasx dejn ammess billi tpaccih ma kreditu li hi qed tirreklama u li hu kontestat mill-parti l-ohra. Biex din it-tpacija tkun tista’ issehh, irid jirrizulta ftehim, u f’dan il-kaz, dan il-ftehim ma jirrizultax; fl-ahjar ipotesi ghas-socjeta` konvenuta, li jirrizulta huwa x-xewqa taghha li ssir it-tpacija, izda ma tirrizulta ebda accettazzjoni li dan isehh.

*"Inoltre,* l-Qorti tapprezza wkoll dak li qal is-Sur Wallace Fino meta xehed illi kieku kien hemm arrangament ta’ tpacija anke fir-rigward tad-dejn ta’ F & G Holdings Ltd, din ma kienetx thallas is-somma kollha li skond hi, ghandha thallas (madwar Lm31,000), imma kienet topera t-tpacija miftiehma. Fi kliem iehor, kieku kien hemm xi ftehim ta’ tpacija li jolqot dan id-dejn, is-socjeta` relattiva kien jaqbillha tapera t-tpacija, u mhux thallas id-dejn kollu li hi tammetti li kellha thallas, u tiftah dawn il-proceduri ghal bilanc dovut fuq negozju separat.

"Il-Qorti thoss li dak li affettivament gara hu li s-socjeta` F & G Holdings ikkontestat it-talba tas-socjeta` konvenuta biex thallas madwar Lm5,000 ohra fuq ordni li ghamlet ghall-iskavar ta’ sit gewwa l-Imriehel, u s-Sur Polidano, rinfaccjat b’din il-pozizzjoni, iddecieda li ma jhallasx il-bilanc dovut fuq dan il-kreditu, sabiex unilateralment

jopera tpacija bejn iz-zewg krediti. Dan, *pero*`, mhux permissibbli bil-ligi.

"Fuq kollox, anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, jinghad li kien hemm ftehim ta' tpacija li jolqot ukoll id-debitu ta' F & G Holdings Ltd, it-tpacija topera ma dejn ammess minn din is-socjeta`, u s-socjeta` konvenuta ma tistax tistahba wara l-ftehim ta' tpacija, unilateralment *"izzid"* il-kreditu dovut lilha, u b'hekk tonqos li thallas dak dovut minnha. It-tpacija miftiehma, jekk kienet tezisti, kienet tkopri djun reciproci li jkun hemm qbil dwarhom, u parti ma tistax, bl-iskuza li ghandha topera t-tpacija, tiffissa kreditu dovut lilha, u avvolja dak il-kreditu jkun kontestat, tinsisti fuq it-tpacija. Il-ftehim ta' tpacija zgur li ma kienx jikontempla tpacija ta' sommom, ikunu kemm ikunu, reklamati mill-partijiet, izda kienet tikontempla qbil fuq il-kreditu pretizi, u la darba s-socjeta` attrici qed tikkontesta l-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta ghal hlas ta' somma ulterjuri fuq ix-xoghol tal-iskavar (ghax skond hi, l-hlas kien miftiehem bhala *"lump sum"*, u mhux skond ir-rati tax-xoghol), t-tpacija ma tistax topera. Din il-Qorti ma tistax u mhix se tippromenzja ruhha fuq il-meritu ta' dak miftiehem mill-partijiet dwar x'kellu jkun il-hlas ghax-xoghol tal-iskavar, izda la darba hemm kontestazzjoni, is-socjeta` konvenuta ma tistax tpaci dak li ghandha taghti ma' somma reklamata minnha izda kontestata, u dan anke jekk kien sar qbil li x-xoghol kellu mwettaq *"ghal Wallace Fino"* kellu jigi pacut mal-prezz tal-ghamara, meritu ta' din il-kawza. It-tpacija, *se mai*, topera bejn ammonti li hemm qbil dwarhom, u mhux fuq ammonti sa issa kontestati. Il-ftehim, jekk sar, zgur ma kkontemplax tpacija ta' krediti kontestati; dan zgur ma jirrizulta minn imkien mill-atti.

"Ghall-kull *buon fini*, jinghad li t-tpacija, biex topera *ipso jure,* trid tirreferi ghal dejn li hu likwidu u esigibbli, u ma tistax topera jekk dak id-dejn ma jkunx ammess mill-parti l-ohra. It-tpacija legali ma tistax issehh jekk id-djun ma jkunux it-tnejn likwidi u certi (ara "Borg noe vs Buckle noe", deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2002, u "Rota vs Hair", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003).

"F’dan il-kaz, is-socjeta` F & G Holdings Ltd qed tikkontesta l-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta ghal hlas ta’ somma ulterjuri ta’ madwar Lm5,000 ghax-xoghol tal-iskavar imsemmi, u, *kwindi*, anke jekk is-socjeta` debitrici tista’ titqies *“l-istess”* bhal dik attrici, it-tpacija legali xorta wahda tkun inoperabbli.

"Id-difiza tas-socjeta` konvenuta hija kollha kemm hi bazata fuq l-allegat ftehim ta’ tpacija bejn dan id-dejn reklamat f’din il-kawza, u somma ohra ekwivalenti li s-socjeta` konvenuta qed tippretendi minghand is-socjeta` F & G Holdings Ltd, socjeta` sussidjarja ta’ dik attrici. Kif intwera dan il-ftehim ma jirrizultax u ma giex pruvat, u, *kwindi*, t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet indikati, tiddeciedi li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm5,916.16c (hamest elef, disa’ mija u sittax il-lira Maltija u sittax il-centezmu), bl-imghax legali ta’ 8% mill-11 ta’ Novembru, 1997, sad-data tal-pagament effettiv.

"L-ispejjez jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta."

## **<u>II L-APPELL</u>**

2. Is-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited hassitha aggravata minn din is-sentenza u intavolat appell minnha quddiem din il-Qorti b'rikors ta' l-appellipprezentat minnha fit-2 ta' Novembru, 2004. Ghar-ragunijiet fih spjegati, is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti u tichad it-talba tas-socjeta` appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellata.

3. L-appell gie kontestat mis-socjeta` attrici li b'risposta pprezentata minnha fid-9 ta' Marzu, 2007. Hemmhekk, tat ir-ragunijiet taghha 'l ghaliex din il-Qorti kellha tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti, u dan billi

argumentat li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Minn ezami tar-rikors ta' l-appell tas-socjeta` appellanti jirrizulta li l-aggravji li hija ressqet fil-konfront tas-sentenza appellata huma bazikament tnejn. L-ewwel wiehed hu ta' natura legali li bih s-socjeta` appellanti qeghda tissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-principji li jirregolaw l-istitut ta' tpacija kif stabbiliti fil-ligi u fil-gurisprudenza. Hija ssostni li avverrat ruhha t-tpacija bejn il-partijiet fir-rigward ta' l-ammont reklamat mis-socjeta` appellata ma' ammont ekwivalenti li s-socjeta` appellanti tallega li kellha.

5. Is-socjeta` appellanti tispjega hekk:
"is-socjeta` appellanti ma tistax taccetta l-argument milhuq mill-Onorabbli Qorti ta' Prim Istanza li "*parti ma tistax ma thallasx dejn ammess billi tpacih ma' kreditu li hi qed tirreklama u li hu kontestat mill-parti l-ohra*.[1]" Is-socjeta` appellanti ssostni li l-mod kif l-ewwel Qorti ddecidiet li ma toperax kompensazzjoni ma kienx korrett legalment ghaliex mhux kull kontestazzjoni ta' debitu tirrendi dak id-debitu incert u l-gudikant ma jistax jastjeni milli jiddikjara li l-kompensazzjoni avverat skond il-ligi semplicement ghax id-debitur qieghed issa jikkontesta dak id-debitu. Altrimenti b'semplici pretest id-debitur ikun jista' bl-aktar mod facli jiffrusta l-operat tal-ligi stess. Dan l-argument huwa wkoll rifless f'decizjoni moghtija nhar il-25 ta' Jannar 1988, fil-kaz ta' "Onorevoli Carm Lino Spiteri vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici[2]";

Illi l-Artikolu 1196(1) tal-Kodici Civili jispecifika li *"meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija."* L-Artikolu 1196(2) jipprovdi li "*...hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu indaqs."*

[1] A fol. 7 tas-sentenza appellata
[2] Decizjoni moghtija nhar il-25 ta' Jannar 1988, minn S.T.O. Hugh W. Harding, Onor. Joseph A. Herrera, Onor Carmelo A. Agius (Appell Civili)

6. Ghall-fini ta' din il-kawza r-regoli li huma relevanti ghas-soluzzjoni taghha jinsabu migbura fl-Artikolu 1196 u 1197 tal-Kodici Civili li sejrin jigu riprodotti hawn:
"**1196(1)** Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin issir bejniethom it-tpacija.

**(2)** It-tpacija ssir *ipso iure*, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sakemm ikunu ndaqs.

**1197(1)** It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita` determinata ta' hwejjeg pungibbli ta' l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.

**(2)** Id-dejn hu likwidu meta huwa cert ukoll f'dik li hija kwantita`."

7. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-principji li jemergu minn dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi gew interpretati u applikati korrettement fis-sentenza appellata. Tant hu hekk li din il-Qorti ma thossx in-necessita` li tkompli tamplifika fuq din il-kwistjoni ghaliex dak li hemm espost fis-sentenza appellata fuq il-materja huwa sufficjenti u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddilunga f'ripetezzjonijiet inutili. Din il-Qorti zzid biss li l-gurisprudenza tammetti 'l hekk imsejjha kompensazzjoni gudizzjali li gudikant jirrikorri ghaliha meta l-kreditu oppost mill-konvenut ikun wiehed li jkun jista' facilment jigi likwidat. Meta, ghall-kuntrarju, tali likwidazzjoni ma tistax issir malajr u facilment jew fejn il-kreditu jkun irid jigi likwidat b'gudizzju separat, la tista' issehh l-kompensazzjoni gudizzjali u wisq anqas it-tpacija legali, u dan ghaliex ikunu nieqsa r-rekwiziti msemmija fid-disposizzjonijiet citati fil-paragrafu 6 supra.

8. Din il-Qorti ddedikat hafna hin fl-ezami tal-provi akkwiziti fil-process biex tara tistax tirrikorri ghal kompensazzjoni gudizzjali. Ezaminat akkuratament id-dokumenti li gew esebiti mill-partijiet kif ukoll l-*affidavits* u x-xiehda li nghataw fil-kawza u ghamlet diversi kalkolazzjonijiet matematici izda sabet kunflitt qawwi fil-

provi li jaghmilha impossibbli ghal din il-Qorti li tirrikorri ghall-kompensazzjoni gudizzjali.

9. Dak li ghadu kif intqal iwassal lil din il-Qorti biex tezamina t-tieni aggravju li sostanzjalment janima r-rikors ta' l-appell tas-socjeta` appellanti. Is-socjeta` appellanti qeghda ssostni illi l-partijiet kienu ftehmu bejniethom fuq metodu ta' kif ghandha tigi estinta l-obbligazzjoni billi tinghata konsenja ta' ghamara mis-socjeta` appellata lis-socjeta` appellanti li min-naha taghha pprestat xoghol ta' skavar fuq sit tas-socjeta` sussidjarja tas-socjeta` appellata. Is-socjeta` appellanti tghid li kienet tezisti prassi ta' tpacija bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti u ma tistax tifhem x'kienet id-diffikulta` min-naha tas-socjeta` appellata li terga' twettaq l-istess metodu ta' tpacija ghall-ahhar ammont imsemmi fl-att tac-citazzjoni u ghaliex din qeghda tikkontesta l-kreditu li gie oppost mis-socjeta` appellanti. Is-socjeta` appellanti tissottometti li l-arrangament ta' tpacija bejn il-partijiet kien ezistenti u gie accettat mis-socjeta` appellata diversi drabi. Is-socjeta` appellanti tghid illi ma kienx minnu dak li qalet l-ewwel Qorti li l-arrangament ta' tpacija kien biss xewqa min-naha tas-socjeta` appellanti. Is-socjeta` appellanti qeghda ssostni li dan il-ftehim ta' tpacija kien jirrizulta mill-provi li tressqu partikolarment mix-xiehda tas-Sinjura Isabelle Vella. Is-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha, ticcita parti mix-xiehda li tat din ix-xhud kif ukoll parti mill-*affidavit* ta' Charles Polidano. Is-socjeta` appellanti kompliet tissottometti testwalment hekk:
"li s-socjeta` appellata qarrqet bis-socjeta` appellanti billi, sabiex tiffranka l-ahhar pagament, ghazlet li tghid li l-kreditu dovut lill-istess socjeta` appellanti mhux vera dovut u addirittura kkontestat il-ftehim li ghamlet maghha. Mill-provi kollha prodotti u mill-evidenza moghtija kemm mis-Sinjura Isabelle Vella u kemm mis-Sur Charles Polidano jispikka l-fatt evidenti li l-kreditu pretiz mis-socjeta` appellanti mhux talli huwa dovut, talli huwa wkoll realment cert u ezistenti u mhux fittizju jew reklamat kif gie allegat u kif eventwalment gie meqjus mill-Qorti ta' Prim Istanza."

10. Is-socjeta` appellata wiegbet ghal dan l-aggravju tas-socjeta` appellanti illi enfasizzat li hija ressqet provi li

kienu juru li s-socjeta` appellata dejjem cahdet li kien hemm ftehim ghat-tpacija bejn l-ammont reklamat ghall-ghamara ma' l-ammont dovut ghall-iskavazzjoni ta' bicca art fl-Imriehel li wettqet is-socjeta` konvenut fuq talba tas-socjeta` F&G Holdings Limited, kumpanija sussidjarja tas-socjeta` attrici. Ziedet tghid li s-socjeta` appellata dejjem ikkontestat li kellha taghti xi haga aktar fuq il-prezz ta' l-iskavar ghax il-ftehim bejniethom kien li tithallas *lump sum* ta' xi wiehed u tletin elf Lira (LM31,000) liema somma thallset kollha lis-socjeta` appellanti. Tghid ukoll li l-allegat kreditu tas-socjeta` appellanti mhuwiex esegibbli ghaliex la huwa likwidu u lanqas huwa cert. Is-socjeta` appellata ziedet tghid li fl-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, hija tat affidament ghal dak li xehed Wallace Fino fis-sens illi kieku kien hemm xi ftehim ta' tpacija fir-rigward tad-dejn dwar l-iskavar ta' F&G Holdings Limited, din ma kenitx thallas is-somma kollha ta' wiehed u tletin elf lira (Lm31,000) kif ghamlet, f'zewg pagamenti, izda kien ikun jaqblilha li topera tpacija u b'hekk tevita li tiftah dawn il-proceduri ghall-bilanc dovut.

11. Evidentement b'dan l-aggravju tas-socjeta` appellanti din il-Qorti qeghda tigi mistiedna li tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-provi li ressqu l-kontendenti. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tirribadixxi li bhala regola generali din il-Qorti tiddeklina li tiddistruba l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi li jkunu saru mill-ewwel Qorti stante li din normalment tkun tinsab f'qaghda ahjar li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-provi u x-xiehda prodotti u mismugha minnha. Biex din il-Qorti tiddisturba tali apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jridu jintwerew ragunijiet serji u gravi bizzejjed u li jkunu jiddettaw li jsir hekk biex tigi evitata ingustizzja.

12. Issa, fil-kaz odjern din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi kollha li ressqu l-partijiet u waslet ghall-konkluzjoni li s-socjeta` appellanti naqset li tipprova li tezisti xi raguni gravi bizzejjed biex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

13. Hemm konflitt serju fil-provi dwar il-bilanc ta' l-ammont reklamat mis-socjeta` appellanti ghax-xoghol li

hija ghamlet ta' skavar. Is-socjeta` appellanti tippretendi illi kellha tiehu minghand is-socjeta` appellata s-somma ta' sitta u tletin elf tmien mija u tnejn u tletin lira (Lm36,832). Minn dan l-ammont is-socjeta` appellanti rceviet zewg pagamenti li flimkien jammontaw ghas-somma ta' tletin elf disa' mija u sittax-il lira Maltija (Lm30,916). B'hekk kien baqa' bilanc ta' hamest elef disa' mija u sittax-il lira (Lm5,916) li kien gie pacut mas-somma pretiza mis-socjeta` attrici issa appellata fl-att tac-citazzjoni.

14. Il-verzjoni tas-socjeta` appellata hija xorta ohra. Hija tghid li ma kenitx taqbel mas-somma globali pretiza mis-socjeta` appellanti ghax il-ftehim kien li s-socjeta` appellata kellha thallas somma globali miftehma minn qabel bejniethom, ta' cirka wiehed u tletin elf lira (Lm31,000) liema ammont thallas kollu. Evidentement, l-ewwel Qorti dehrilha li l-verzjoni tas-socjeta` appellata kienet aktar plawsibbli mill-verzjoni tas-socjeta` appellanti. Kif diga` ntqal, din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi akkwiziti fil-process u ma sabet l-ebda raguni gravi bizzejjed biex ma tikkondividix din il-fehma ta' l-ewwel Qorti. Konsegwentement anke dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'.

15. Ghal dawn il-motivi previa li tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, izda tirriserva kull dritt li jista' jkollha s-socjeta` appellanti ghall-kreditu allegat minnha f'dawn il-proceduri *si et quatenus*.

L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------